



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 23.10.2012  
COM(2012) 629 final

Vol. 2/2

**ANNEX**

*għall-*

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2013**

## Anness I – Inizjattivi fil-qrib<sup>1</sup>

### Inizjattivi fil-qrib għall-2013 - 2014

\* jindika li l-Kummissjoni timpenna ruħha li twettaq din l-inizjattiva matul l-2013

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-objettivi
<b>Lejn unjoni ekonomika u monetarja awtentika</b>			
1.	Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir*	Mhux leġiżlattiv	Il-Kummissjoni se tippreżenta Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, akkumpanjat minn Komunikazzjoni, li se jkun il-kontribut ewlieni għad-diskussjoni fil-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa. L-istħarriġ se jinkludi reviżjoni, rapportar dwar il-progress, kif ukoll parti li tħares 'il quddiem li tippromovi gwida strateġika ta' politika b'mod orizzontali fl-Istati Membri. (K4 2013)
2.	L-indirizzar tar-riskji sistemiċi relatati ma' sistema bankarja parallela *	Leġiżlattiv	B'segwitu għall-Green Paper ta' Marzu 2012 u x-xogħol internazzjonali kkoordinat mill-FSB, il-Kummissjoni se tindirizza l-problemi sistemiċi relatati ma' entitajiet u prattiki bankarji paralleli bħal pereżempju l-fondi tas-suq monetarju, it-titolizzazzjoni u attivitajiet bħal self ta' titoli u ftehimiet ta' xiri mill-ġdid, imwettqin minn kull tip ta' entità. (K3 2013)
3.	Qafas komuni għall-ħolqien ta' indiċijiet u parametri referenzjali, b'mod partikolari l-governanza u l-kalkolu tagħhom	Leġiżlattiv	L-objettiv ġenerali huwa li tittejjeb l-integrità fil-ħolqien u l-użu tal-parametri referenzjarji u l-indiċijiet li se jsaħħu l-fiduċja u l-effiċjenza fis-suq u jtejjbu l-protezzjoni tal-investituri.
4.	Reviżjoni tas-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Ir-Regolamenti li jstabbilixxu l-EFSF (it-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Bord dwar ir-Riskju Sistemiku) jitolbu li fl-2013 il-Kummissjoni twettaq reviżjoni fil-fond, sabiex tagħmel proposti għal tibdiliet.
5.	Ikun ipprovdut ifffinanzjar fit-tul permezz ta' azzjonijiet li jiżguraw l-effettività tal-istituzzjonijiet, tas-swieq u tal-istrumenti finanzjarji	Leġiżlattiv	B'segwitu għall-Green Paper li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni fi tmiem is-sena, u għad-dibattitu li jirriżulta, il-Kummissjoni se tippromovi azzjonijiet ta' politika biex ittejjeb il-kundizzjonijiet għal finanzjament fit-tul fl-Ewropa. Xi wħud mill-azzjonijiet jistgħu jkunu inklużi fi proposti oħra (bħall-UCITS VI)

<sup>1</sup> Pjanijiet direzzjonali dwar l-inizjattivi individwali jistgħu jinstabu fuq: [http://ec.europa.eu/governance/impact/planned\\_ia/roadmaps\\_2013\\_en.htm](http://ec.europa.eu/governance/impact/planned_ia/roadmaps_2013_en.htm)

<sup>2</sup> It-tip ta' inizjattiva tista' tinbidel wara l-eżitu tal-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-obiettivi
6.	Il-Fondi għall-Qafas Strateġiku Komuni u l-Governanza Ekonomika tal-UE	Mhux leġiżlattiv	Il-Komunikazzjoni se tanalizza kif il-Fondi tal-QKA se jikkontribwixxu għall-governanza ekonomika tal-UE, l-irwol tagħhom fit-trawwim tat-tkabbir u l-importanza ta' qafas sod makroekonomiku għall-użu effiċjenti tal-fondi. Se teżamina r-rabtiet tal-Fondi tal-QKA mal-proċeduri ta' governanza ekonomika u se tispjega kif il-kundizzjonalità makroekonomika se tiġi implimentata.
7.	Il-mandati ta' negozjati speċifiċi skont il-pajjiż rigward il-Fondi għall-Qafas Strateġiku Komuni għall-perjodu 2014-2020	Mhux leġiżlattiv	Fid-dawl tal-adozzjoni tal-ftehimiet ta' sħubija, dawn id-dokumenti se jsawru l-prijoritajiet fl-Istati Membri dwar l-investment pubbliku għas-seba' snin li ġejjin.
8.	Ir-riforma tal-qafas għall-fondi ta' investment kollettiv/UCITS VI (b'nfasi fuq l-investimenti fit-tul, ir-regoli dwar il-prodott u d-depożitarji)	Leġiżlattiv	Ħidma internazzjonali reċenti fuq is-sistema bankarja parallela identifikat ċerti nuqqasijiet fil-qasam tal-fondi tal-investment li jeħtieġu analiżi aktar mill-qrib (pereżempju, il-fondi tas-suq monetarju, u l-użu ta' self ta' titoli jew il-bejgħ u x-xiri mill-ġdid ta' ftehimiet (repos)). Din l-inizjattiva se tindirizza tħassib relatat mar-riskji sistemiċi, l-effiċjenza, il-kompetittività u l-integrazzjoni tas-suq għall-fondi tal-UCITS sabiex l-UCITS jibqa' attraenti. Dan se jikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u sabiex titrawwem kultura ta' investment fit-tul fl-Ewropa, u b'hekk jissaħħu t-tkabbir u l-impjiegi.
<b>It-tisħiħ tal-kompetittività</b>			
9.	Il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat: Ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (800/2008)*	Leġiżlattiv	Il-GBER stabbilixxa l-kundizzjonijiet l-iktar xierqa għall-għajnuna mill-Istat, eżentati mir-rekwiżit ta' notifika, u li għandhom ikunu kompatibbli mas-suq intern. Dan se jnaqqas il-piż amministrattiv għall-awtoritajiet nazzjonali. (K4 2013)
10.	Il-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat f'setturi ewlenin	Mhux leġiżlattiv	Reviżjonijiet tal-kriterji ta' kompatibilità huma inklużi fil-linji gwida li ġejjin dwar l-għajnuna għar-Riċerka, għall-Iżvilupp u għall-Innovazzjoni; għall-għajnuna għall-kapital ta' riskju, l-għajnuna reġjonali, l-għajnuna ambjentali, l-għajnuna għas-salvataġġ u għar-ristrutturar industrijali; kif ukoll l-għajnuna għall-ajruporti u l-linji tal-ajru. Dawn ir-reviżjonijiet għandhom l-għan li jappoġġjaw l-istrateġija tal-UE għat-tkabbir ekonomiku, li jpoġġu aktar fiċ-ċentru x-xogħol ta' infurzar tal-Kummissjoni, u li l-Kummissjoni tiegħu d-deċiżjonijiet iktar malajr.
11.	Reviżjoni tar-Regolament dwar l-eżenzjoni ta' kategorija tat-trasferiment tat-teknoloġija u l-Linji Gwida tiegħu	Mhux leġiżlattiv	L-għan huwa li jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-qafas għall-għoti tal-liċenzji għal teknoloġiji tal-produzzjoni, biex b'hekk ikunu stimolati l-innovazzjoni u t-tkabbir filwaqt li tkun żgurata kompetizzjoni effettiva.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-objettivi
12.	It-Teknoloġija u l-Innovazzjoni tal-Enerġija f'Politika Ewropea futura dwar għall-Enerġija	Mhux leġiżlattiv	Sabiex ikun inkuraġġit l-iżvilupp fit-teknoloġiji tal-enerġija skont il-pjan direzzjonali għall-Enerġija 2050, sabiex ikunu promossi r-riċerka fil-qasam tal-enerġija, l-azzjonijiet ta' dimostrazzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni fil-livell tal-UE, kif ukoll sabiex jitneħħew l-ostakli tas-suq, dawk regolatorji u ta' mgħiba ħalli tkun ikkummerċjalizzata l-innovazzjoni fl-enerġija (permezz tal-Programm Enerġija Intelliġenti għall-Ewropa III).
13.	Ir-riforma tas-suq intern għall-prodotti industrijali*	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	L-għan huwa li jitjiebu l-kwalità u l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern għall-prodotti industrijali. Din l-inizjattiva se tindirizza l-eliminazzjoni tal-ostakli kummerċjali li fadal, b'mod partikolari għall-prodotti b'potenzjal qawwi ta' tkabbir, se tiżgura iktar konsistenza fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u se tissimplifika l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tagħha. (K3 2013)
14.	Ir-reviżjoni tal-acquis għall-istandardizzazzjoni	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	L-inizjattiva se tikkonsisti f'żewġ partijiet: 1) Inizjattiva li tistabbilixxi priyoritajiet strateġiċi u mandati speċifiċi li jappoġġjaw il-politika tal-UE dwar il-kompetittività internazzjonali, l-innovazzjoni, l-interoperabilità diġitali u l-iżvilupp teknoloġiku. 2) FI-2013 se tiġi varata reviżjoni indipendenti biex teżamina l-progress li jkun sar fl-għanijiet strateġiċi u biex tevalwa l-prestazzjoni tal-governanza attwali fis-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni.
15.	L-inizjattiva dwar il-fatturazzjoni elettronika fil-qasam tal-akkwist pubbliku*	Leġiżlattiv	Din l-inizjattiva se telimina l-frammentazzjoni tas-Suq Intern billi tippromwovi l-użu tal-fatturazzjoni elettronika B2G fis-settur pubbliku, u billi ttejjeb l-interoperabilità tas-sistemi nazzjonali dwar il-fatturazzjoni elettronika. Dan jgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi tal-intrapriżi u l-ispejjeż tal-akkwist tal-awtoritajiet pubbliċi billi tiġi inkuraġġita l-awtomazzjoni tal-proċeduri relatati mal-fatturazzjoni(K2 2013)
16.	Strateġija Komprensiva għas-Settur tad-Difiża	Mhux leġiżlattiv	L-Istrateġija se tistipula opzjonijiet għat-trawwim tal-kompetittività u l-effiċjenza tas-settur Ewropew tad-difiża permezz ta' użu konsistenti u integrat tal-politiki tal-UE li għandhom impatt fuq id-difiża.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-obiettivi
17.	Proposti għal sħubija msaħħa fir-riċerka u l-innovazzjoni taħt Orizzont 2020 *	Leġiżlattiv	L-iffaċilitar tal-investment u t-twaħħid tal-isforzi f'setturi industrijali ewlenin u fl-assistenza globali għall-iżvilupp permezz tat-tiġdid kif ukoll tal-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi-privati. Dawn is-sħubijiet se jwasslu għal investment privat sostanzjali fis-setturi industrijali ewlenin, bħal dawk farmaċewtiċi, tal-enerġija, tat-trasport, tal-aeronawtika, tal-elettronika, tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tal-bijoprodotti. L-inizjattiva tinkludi wkoll sħubijiet pubbliċi-pubbliċi għall-implimentazzjoni konġunta ta' programmi nazzjonali ta' riċerka, li għandhom l-għan li jsostnu l-kompetittività industrijali billi jappoġġaw lill-SMEs li jwettqu riċerka u żvilupp, lill-metroloġija avvanzata, u lill-prodotti u lis-servizzi msejsa fuq l-ICT għall-anzjani. Sħubija oħra se tiġġieled kontra l-mard relatat mal-faqar fl-Afrika sub-Saħarjana. (K3 2013)
18.	Kummerċ aktar faċli permezz ta' dikjarazzjoni standard tal-VAT*	Leġiżlattiv	L-għan huwa li ssir dikjarazzjoni standard tal-VAT disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u fakultattiva għan-negozji madwar l-UE. Id-dikjarazzjoni standard tal-VAT hija punt prinċipali ta' azzjoni fl-istrateġija dwar il-futur tal-VAT u fl-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, għaliex se tgħin biex jitnaqqsu l-piżijiet minn fuq in-negozji u biex jissaħħa is-suq uniku diġitali. (K3 2013)
19.	It-tiswir ta' sistema tal-VAT aktar effiċjenti permezz ta' reviżjoni tal-istrutturi tar-rati	Leġiżlattiv	L-għan huwa li jiġi aġġustat mill-ġdid l-ambitu tar-rati mnaqqsa sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema tal-VAT
20.	Aċċess għall-professjonijiet regolati	Mhux leġiżlattiv	Jiġu evalwati l-iżviluppi reċenti fl-Istati Membri fil-qasam tal-professjonijiet regolati, u titfassal metodoloġija biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni reċiproka previst fil-proposta għall-immodernizzar tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali. L-evalwazzjoni reċiproka prevista fil-proposta se tiffoka fuq ir-restrizzjonijiet (il-kwalifiki u l-attivitajiet riservati).
21.	Il-ġlieda kontra l-miżapproprjazzjoni tas-sigrieti kummerċjali	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Din l-inizjattiva għandha l-għan li toffri protezzjoni effettiva kontra s-serq tas-sigrieti kummerċjali li jista' jservi ta' dizinceniv sinifikanti għal kumpaniji innovattivi li jistrieħu fuq is-sigrieti kummerċjali sabiex in-negozji tagħhom jespandu permezz ta' negozjati ta' liċenzjar ma' sħab, b'mod speċjali meta diġà hemm protezzjoni f'ġurisdizzjonijiet oħra li tarmonizza l-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali.
22.	Inizjattiva dwar il-kontijiet bankarji*	Mhux leġiżlattiv/Leġiżlattiv	Inizjattiva li għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza u t-tqabbil tat-tariffi tal-kontijiet bankarji, kif ukoll li trendi l-qlib tal-kontijiet bankarji aktar faċli għall-konsumaturi. (K1 2013)

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-objettivi
<b>Il-bini tan-netwerks ta' għada llum</b>			
23.	Tnaqqis fl-ispejjeż għat-tħaddim tal-infrastruttura tal-broadband*	Leġiżlattiv	L-abbozz tar-Regolament għandu l-għan li jnaqqas sostanzjalment l-ispiża fit-tħaddim tan-netwerks tal-broadband b'veloċita għolja madwar l-UE. Dan jinċentiva l-investiment f'konformita mal-miri tal-Aġenda Diġitali dwar l-Internet b'veloċita għolja. Prinċipalment, ir-Regolament jistipula d-drittijiet u l-obbligi li japplikaw direttament għall-operaturi tat-telekommunikazzjoni u utilitajiet oħra. (K1 2013)
24.	Pjan ta' Azzjoni dwar il-komunikazzjoni mingħajr wajers għal Ewropa Konnessa	Mhux leġiżlattiv	Il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tistipula pjan ta' azzjoni dwar politika li tilqa' għall-isfidi li l-UE se tiffaċċja fis-snin li ġejjin rigward l-iżviluppi dinamiċi tas-suq u t-tkabbir esponenzjali fit-traffiku tas-servizzi mingħajr wajers. L-għanijiet tal-politiki jinkludu l-varar aċċellerat tan-netwerks tal-broadband mingħajr wajers, l-inkuraġġiment tal-użu kondiviż tal-ispettru, l-isfruttament tar-riżultati tal-UE dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp rigward il-komunikazzjoni mingħajr wajers, u t-tisħiħ tal-armonizzazzjoni tal-ispettru globali.
25.	Is-segwitu għall-Green Paper: Lejn suq Ewropew integrat għall-ħlasijiet bil-kard, bl-internet jew bil-mowbajl*	Leġiżlattiv	Filwaqt li l-ħlasijiet bil-kard, bl-internet jew bil-mowbajl huma l-metodu ta' pagament bl-imnut bl-akbar potenzjal għat-tkabbir, hemm frammentazzjoni sinifikanti tas-suq bejn il-fruntieri nazzjonali. Is-segwitu tal-Green Paper jindirizza l-ostakli ewlenin għall-integrazzjoni tas-suq f'dawn l-oqsma. (K2 2013)
26.	Il-pakkett tal-Ajru Uniku Ewropew – l-Ajru Uniku II plus	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Dan il-pakkett (il-Komunikazzjoni, ir-Regolament dwar l-SES, ir-Regolament dwar l-EASA) jindirizza għadd ta' kwistjonijiet li kienu għadhom mhux solvuti matul l-iżvilupp tal-SES. Dawn jikkonċernaw partikolarment il-prestazzjoni tal-forniment tas-servizz tan-navigazzjoni tal-ajru u l-ħtieġa li tiġi ċċarata x-xena istituzzjonali fil-livell tal-UE, sabiex ikun żgurat li l-irwoli u r-responsabbiltajiet ta' diversi organizzazzjonijiet jappoġġjaw lil xulxin, mingħajr ma jidħlu fuq xulxin.
27.	“Blue Belt” għal suq uniku għat-trasport marittimu	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tat-trasport marittimu fi ħdan l-UE għal livell li hu komparabbli ma' dak ta' mezzi oħra tat-trasport, billi jiġu evitati kontrolli multipli inkluża d-dwana. Dan se jkun appoġġjat minn teknoloġiji moderni tal-ICT, li jippermettu li l-vapuri u l-merkanzija jiġu ttraċċati b'mod affidabbli u b'livell suffiċjenti ta' ċertezza meta l-ġarr tal-merkanzija bil-baħar isir fis-Suq Uniku.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-obiettivi
28.	Qafas tal-UE dwar il-politika futura tal- UE dwar il-portijiet, li jinkludi proposta leġiżlattiva	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	It-tisħiħ tal-effiċjenza u l-kwalita kumplessiva tas-servizzi fil-port, l-indirizzar tal-obbligi tal-Istati Membri rigward l-ippjanar akkurat tal-portijiet u l-konnessjonijiet għaż-żoni interni, it-trasparenza tal-finanzjament pubbliku u l-ispejjeż tal-port, u l-isforzi għas-simplifikazzjoni tal-amministrazzjoni fil-portijiet, kif ukoll ir-reviżjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-formiment ta' servizzi fil-portijiet.
29.	Is-Suq Intern tat-Toroq – Aċċess għas-suq tat-trasport bit-triq u aċċess għall-impjieg ta' operatur tat-trasport bit-triq	Leġiżlattiv	L-inizjattiva se ttejjeb l-effiċjenza ekonomika u ambjentali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq billi tkompli tneħħi r-restrizzjonijiet għall-kabotaġġ. Hija se toħloq kundizzjonijiet aktar indaqgħall-kompetituri billi tinkludi dispożizzjonijiet sabiex jiġu applikati r-regoli soċjali tal-pajjiż ospitanti fil-każ ta' soġġorn fit-tul tas-sewwieqa, kif ukoll dispożizzjonijiet għal aktar infurzar uniformi.
<b>It- tkabbir għall-impjieg: inklużjoni u eċċellenza</b>			
30.	Investiment soċjali għat- tkabbir u l-koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-FSE 2014-2020	Mhux leġiżlattiv	Tiġi pprovduta gwida dwar kif jiżdedu l-effiċjenza, l-effikaċja, u l-adekwatezza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali; it-titjib ta' politiki li jvaraw u jawtorizzaw; l-inklużjoni soċjali u l-għajxien adegwat. Il-Komunikazzjoni se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020/Semestru Ewropew, tappoġġja t-tfassil tal-investiment soċjali fil-PNR u tgħin lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi tal-UE, b' mod partikolari tal-FSE.
31.	L-integrazzjoni tar-Rom	Liġi mhux vinkolanti	Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni mmirata biex trawwem l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom, ibbażata fuq ix-xogħol ta' Grupp Pilota ta' Stati Membri li jirrappreżentaw bilanċ ġeografiku u s-sitwazzjonijiet differenti rigward ir-Rom fl-UE, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' Prattiki tajba u ta' approċċi effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom.
32.	Istituzzjonijiet effettivi għall-Pensjonijiet tal-Irtirar mix-Xogħol	Leġiżlattiv	Hija meħtieġa revizzjoni ta' din id-Direttiva minħabba l-importanza li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ l-istrutturi xierqa biex ikun hemm fondi għall-irtirar.
33.	L-Internazzjonalizzazzjoni tal-Edukazzjoni Superjuri	Mhux leġiżlattiv	L-Ewropej għandhom ikunu mhejjjin għal suq tax-xogħol dejjem aktar globali, miftuħ u kompetittiv. L-universitajiet Ewropej huma suġġetti għaż-żieda tal-kompetizzjoni globali, biex jattiraw it-talent u għall-iskambju tal-ġarfen. Il-Komunikazzjoni se tirveddi l-programmi u l-politiki differenti li jistgħu jappoġġjawhom sabiex itejbu l-isforzi tagħhom għall-internazzjonalizzazzjoni.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-obiettivi
34.	L-immodernizzar tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi	Leġiżlattiv	Dan il-pakkett se jkopri l-elementi kollha tar-riforma tal-EURES, inkluż it-twertiq ta' garanzija Ewropea għall-impjiegi, u se jwaqqaf netwerk Ewropew formali tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi biex jgħin fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-Mobilità tal-Ħaddiema Ewropej, għall-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-PSE sabiex jgħin għaċ-ċaqliq fis-swieq tax-xogħol.
35.	Pjattaforma Ewropea biex tiġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat	Leġiżlattiv	Dan l-abbozz ta' Deċiżjoni jstabbilixxi pjattaforma Ewropea bejn l-ispettorati tax-xogħol u korpi oħra ta' infurzar. Dan jimmira lejn approċċ aktar koerenti billi jkopri l-oqsma kollha prinċipali influwenzati mix-xogħol mhux iddikjarat u billi jappoġġja għieda aktar effettiva kontra x-xogħol mhux iddikjarat permezz ta' titjib fil-kooperazzjoni, tal-qsim tal-aħjar prassi u billi jiġu identifikati prinċipji komuni.
<b>L-użu tar-riżorsi tal-Ewropa sabiex jinkiseb l-aqwa effett</b>			
36.	Reviżjoni tal-qafas politiku u legali tal-UE dwar il-produzzjoni organika	Leġiżlattiv	L-obiettivi tal-politika tal-qafas attwali għall-produzzjoni organika (Ir-Regolament 834/2007 u l-Komunikazzjoni COM(2004) 415) huma li: - tiġi stabbilita sistema ta' ġestjoni sostenibbli għall-agrikultura u: - jiġu forniti prodotti ta' kwalità għolja u varjetà kbira ta' prodotti li jaqdu d-domanda tal-konsumaturi għal proċessi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, lis-saħħa jew lill-benesseri tal-annimali. Ir-reviżjoni se tivverifika jekk għadhomx rilevanti u adattati għall-iżvilupp futur tal-produzzjoni organika.
37.	L-Istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Biex tikkontribwixxi b'mod effettiv għal Ewropa reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Dan ifisser it-tisħiħ tal-istat ta' tħejjija, u l-kapaċità ta' reazzjoni, tal-UE u tal-Istati Membri u r-reġjuni tagħha għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima.
38.	Qafas dwar il-klima u l-enerġija li jieħu sal-2030	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	- Li jintlaħaq l-għan li jitnaqqsu bi 80-95% l-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2050, meta mqabbla mal-1990 - Li jinkoraġġixxi l-kompetittività fit-tul, is-sigurtà tal-provvista u s-sostenibilità - Li jipprovdri perspettiva fit-tul għall-investimenti, sal-2030.
39.	Reviżjoni tal-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-arja u l-leġiżlazzjoni assoċjata magħha	Leġiżlattiv	L-inizjattiva se tivvaluta l-implimentazzjoni u l-kisbiet tal-politiki attwali dwar it-tniġġis tal-arja u l-kwalità tal-arja, u se tinkludi proposti leġiżlattivi li jirrevedu kif inhu xieraq id-Direttiva NEC u leġiżlazzjoni oħra dwar il-kwalità tal-arja, sabiex tħares aħjar lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent naturali mill-impatti tat-tniġġis tal-arja filwaqt li tikkontribwixxi għall-Ewropa 2020.



Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-obiettivi
40.	Reviżjoni tal-Politika u l-leġislazzjoni dwar l-Iskart	Leġislattiv	Din l-inizjattiva se tirrevedi l-miri ewlenin fil-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart (f'konformità mal-klawżoli ta' reviżjoni fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar il-Miżbliet u d-Direttiva dwar l-Imballaġġ) u se twestaq evalwazzjoni ex-post tad-direttivi dwar il-fluss tal-iskart, inklużi l-modi sabiex titjeb il-koerenza bejniethom.
41.	Qafas dwar il-klima ambjentali u l-valutazzjoni tal-enerġija li jippermetti l-estrazzjoni sigura u mingħajr periklu tal-idrokarburi mhux konvenzjonali	Leġislattiv/Mhux leġislattiv	Fil-kuntest tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE, l-inizjattiva se teżamina l-għażliet biex tiżgura li l-opportunitajiet li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija u li jtejbu l-kompetittività, anki bil-produzzjoni tal-gass mhux konvenzjonali, jistgħu jittieħdu. Il-qafas jimmira għal kundizzjonijiet indaqs għall-kompetituri madwar l-UE, ċarezza u prevedibbiltà kemm għall-operaturi tas-suq kif ukoll għaċ-ċittadini rigward il-proġetti ta' esplorazzjoni, kunsiderazzjoni sħiħa tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-ġestjoni ta' riskji klimatiċi u ambjentali skont l-aspettattivi tal-pubbliku.
<b>Il-bini ta' UE mingħajr periklu u sigura</b>			
42.	L-assigurazzjoni u r-responsabbiltà fil-qasam nukleari	Leġislattiv	Titjib fil-kumpens mogħti lill-vittmi f'każ ta' inċident nukleari u l-ħolqien ta' suq intern/kundizzjonijiet newtrali fil-kompetizzjoni għall-investituri.
43.	Inizjattiva dwar l-armi tan-nar: it-tnaqqis tal-kriminalità bl-użu tal-armi tan-nar fl-Ewropa	Mhux leġislattiv	L-armi tan-nar ittraffikati qed jintużaw minn networks kriminali kif ukoll minn kriminali fuq livell individwali. L-armi tan-nar fil-pussess legali qed jintużaw ukoll b' mod illegali. L-għan tal-Komunikazzjoni se jkun biex tippreżenta: in-natura/l-iskala tal-problema u l-azzjoni attwali inkluża d-dimensjoni esterna; azzjonijiet ġodda/aktar azzjonijiet tal-UE (pereż. rwol akbar tal-Europol; il-finanzjament); l-orjentazzjonijiet tal-politika dwar l-infurzar tal-liġi fid-dawl tar-reviżjoni għall-2015 tad-Direttiva 91/477 dwar l-Armi tan-Nar, inkluża possibbilment Direttiva dwar is-sanzjonijiet kriminali bbażata fuq l-Artikolu 83(1) TFUE.
44.	Qafas għal miżuri amministrattivi għall-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u qligħ ekonomiku ta' persuni u entitajiet ssuspettati b'attivitajiet terroristiċi fl-UE (l-Artikolu 75 TFUE)	Leġislattiv	Il-qafas legali tal-UE dwar l-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u qligħ ekonomiku ta' persuni u entitajiet issuspettati b'attivitajiet terroristiċi, ikopri biss it-terroristi li jirrappreżentaw theddida internazzjonali, dinjija. Madankollu, attwalment ma jeżisti l-ebda qafas sabiex jitwettqu l-obiettivi fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja. Din l-inizjattiva timmira li tuża l-bażi legali l-għdida tat-Trattat ta' Lisbona biex ikun stabbilit qafas legali koerenti u effettiv għal miżuri amministrattivi dwar l-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u qligħ ekonomiku ta' dawn il-persuni u l-entitajiet.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-objettivi
45.	Is-salvagwardji speċjali fil-proċeduri kriminali għall-Persuni Suspettati jew Akkużati li huma vulnerabbli	Leġiżlattiv	Direttiva sabiex ikun żgurat li tingħata attenzjoni speċjali fil-proċeduri kriminali madwar l-UE lil persuni ssuspettati jew akkużati li ma jkunux jistgħu jifhem jew isewgu l-kontenut jew is-sinifikat tal-proċedimenti, minħabba, pereżempju, l-età tagħhom jew xi kundizzjoni mentali jew fiżika.
46.	Is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali	Leġiżlattiv	Ir-reviżjoni tar-Regolament 1393/2007 se tagħti attenzjoni partikolari lill-effikaċja tal-aġenziji li jittrażmettu u li jirċievu u se tiffoka fuq l-applikazzjoni Prattika tat-tweqqif ta' talba għat-trażmissjoni ta' talba għal servizz. Jista' jkun li tinkludi l-iffissar ta' standards komuni minimi.
47.	Rapport tal-2013 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE: Il-progress li jwassal għall-eliminazzjoni tal-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE*	Mhux leġiżlattiv	Rapport biex jitqies il-progress li sar mir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-2010, kif ukoll jiġu identifikati azzjonijiet ulterjuri sabiex jitneħħew l-ostakli li jimpedixxu liċ-ċittadini tal-UE milli jgawdu drittijietom skont it-Trattat. Se jkun wieħed mir-risultati tanġibbli tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini. (K2 2013)
48.	It-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (EPPO) għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*	Leġiżlattiv	Din l-inizjattiva beħsiebha tistabbilixxi l-qafas u l-kondizzjonijiet meħtieġa għat-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew li se jiffoka fuq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din se tkun akkumpanjata minn proposti dwar ir-riforma tal-Eurojust u dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. (K2 2013)
49.	Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus	Leġiżlattiv	Il-ħasil tal-flus, bħala wieħed mill-'eurocrimes', huwa reat kriminali fl-Istati Membri kollha tal-UE. Madankollu, l-Istati Membri tal-UE ma għandhomx l-istess definizzjoni ta' ħasil il-flus, u japplikaw ukoll sanzjonijiet differenti. Minħabba li dan ifixkel l-investigazzjonijiet transkonfinali u l-kooperazzjoni tal-pulizija, tinħass il-ħtieġa li jiġu armonizzati fil-livell tal-UE l-kunċetti tar-reat ta' ħasil il-flus.
50.	Il-ġlieda kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti	Mhux leġiżlattiv	Din l-istrateġija tipproponi reazzjoni komprensiva fil-livell tal-UE kontra l-kummerċ illeċitu tas-sigaretti, li jikkawża telf fid-dħul pubbliku u għandu l-irwol ta' suq għall-kriminalità organizzata. Azzjoni kkoordinata aħjar u iktar immirata tkun tinkludi l-iskambju tal-informazzjoni, l-iffissar ta' standards u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-objettivi
51.	Reviżjoni tal-politika tal-Unjoni dwar il-viża sabiex titħaffef haġġet il-vjaġġaturi leġittimi	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Minn mindu daħal fis-seħħ, il-Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (“il-Kodiċi tal-Viża”) ssempjifikat r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi, u tejjeb l-applikazzjonijiet armonizzati ta' dawn ir-regoli komuni. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb, abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi, li tipproponi emendi biex ittejjbu. Dan se jiżgura li l-politika tal-UE dwar il-viża tinkoraġġixxi t-tkabbir ekonomiku u l-iskambji kulturali billi tiffaċilita l-ivvjaġġar fl-UE ta' vjaġġaturi leġittimi bħal negozjanti, turisti, studenti u zghażaġh, filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-UE.
52.	Mediċini tal-annimali	Leġiżlattiv	Qafas ġdid għall-mediċini veterinarji u ċerti aspetti tal-użu tagħhom sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet indaqgħ għall-kompetituri fl-UE, kif ukoll sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.
53.	L-użu tat-teknika tal-klonazzjoni għall-produzzjoni tal-ikel	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Rapport ta' segwitu tal-Kummissjoni dwar il-klonazzjoni tal-annimali għall-produzzjoni tal-ikel, fil-kuntest tat-tħaddim tajjeb tas-suq intern.
<b>L-Ewropa bħala attur globali</b>			
54.	It-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE dwar l-aġenda tal-iżvilupp għal wara l-2015	Mhux leġiżlattiv	Bħala parti mill-proċess li jrid jilħaq strateġija li torbot l-MDGs, li huwa s-segwitu ta' Rio+20 u tal-proċess tal-Għanijiet għal Żvilupp Sostenibbli, din il-Komunikazzjoni għandha fil-mira li jintleħaq qbil dwar qafas ambizzjuż għall-iżvilupp globali għal wara l-2015, b'enfasi qawwija fuq ir-responsabbiltà u l-obbligu kondiviżi.
55.	It-tħejjija ta' pożizzjoni tal-UE dwar is-segwitu ta' Rio + 20 inkluż it-tkattir tal-Għanijiet għal Żvilupp Sostenibbli	Mhux leġiżlattiv	Bħala parti mill-proċess biex ikollna strateġija li torbot l-MDGs, li huwa s-segwitu ta' Rio+20 u tal-proċess tal-Għanijiet għal Żvilupp Sostenibbli, din il-Komunikazzjoni se tistipula s-segwitu tal-UE għal Rio+20, inklużi l-għanijiet għal żvilupp sostenibbli.
56.	Pakkett dwar it-tkabbir 2013	Mhux leġiżlattiv	Il-Kummissjoni ġiet mistiedna mill-Kunsill biex tirrapporta regolarment dwar il-pajjiżi kandidati u dwar il-kandidati potenzjali. Id-Dokument ta' Strateġija tal-Kummissjoni jippermetti lill-Kunsill Ewropew jiddefinixxi orjentazzjonijiet strateġiċi ewlenin dwar it-tkabbir, lejn l-aħħar ta' kull sena.
57.	Direttivi ta' negozjati għal ftehim komprensiv dwar il-kummerċ u l-investiment mas-sħab rilevanti	Direttivi ta' negozjati	Jekk wieħed jassumi li r-rapport finali tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi kif ukoll l-eżerċizzji kontinwi dwar l-ambitu jirrakkomandaw it-tnedija ta' negozjati dwar ftehimiet bħal dawn, l-objettiv ewleni tal-politika se jkun l-użu tal-potenzjal mhux sfruttat u sabiex jinħolqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda, b'mod partikolari foqasma li għandhom l-oġġla potenzjal li joħolqu l-impjiegi u t-tkabbir. Għandha wkoll l-għan li turi li l-akbar żewġ ekonomiji fid-dinja jibqgħu impenjati favur is-swieq miftuħa.

Nru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva <sup>2</sup>	Deskrizzjoni tal-ambitu u tal-objettivi
58.	Approċċ komprensiv għall-ġestjoni ta' kriżijiet barra l-UE	Mhux leġislattiv	L-Unjoni Ewropea, aktar minn kull attur internazzjonali ieħor, għandha firxa unika ta' għodda għad-dispożizzjoni tagħha biex tmexxi 'l quddiem soluzzjonijiet għall-kriżijiet esterni kumplessi. Din l-għodda għandha tintuża b'mod koerenti u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u għandha tindirizza ċ-ċiklu kollu tal-kriżi, mill-prevenzjoni kontra l-kriżi sar-rikostruzzjoni.

## Anness II: Inizjattivi ta' simplifikazzjoni u għat-tnaqqis tal-piż regolatorju

N ru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva	Aspetti tal-inizjattiva dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju	Il-parti interessata li tibbenefika mis-simplifikazzjoni jew mit-tnaqqis tal-piż regolatorju	Data tal-adozzjoni
<b>Kompetizzjoni</b>					
1.	Is-simplifikazzjoni tal-kontroll tal-gamazzjonijiet tal-UE	Mhux leġiżlattiv	It-tnaqqis tal-burokrazija għall-kumpaniji li qed jamalgamaw permezz ta' notifika aktar faċli u s-simplifikazzjoni ta' proċedura għall-każijiet ta' amalgamazzjoni mhux problematiċi.	Negozji involuti fil-proċeduri ta' notifika bil-għan li jirċievu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni għall-amalgamazzjoni.	2013
<b>L-Aġenda Diġitali</b>					
2.	Tnaqqis fl-ispejjeż għat-tħaddim tal-infrastruttura tal-broadband	Leġiżlattiv	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tnaqqas sostanzjalment l-ispejjeż tal-ingerija ċivili kif ukoll l-ispejjeż ikkawżati minn piż amministrattiv bla bżonn, biex b'hekk ikun inċentivat it-tħaddim tal-infrastruttura.	Ir-Regolament ikun jinkludu drittijiet u obbligi applikabbli għal awtoritajiet nazzjonali u lokali, kif ukoll għal operaturi tat-telekomunikazzjoni u utilitajiet oħra (pereż. tal-ilma, tal-enerġija, tal-ferroviji).	2013
<b>Is-saħħa u l-konsumaturi</b>					
3.	Regolament ġdid dwar il-Kontrolli Uffiċjali	Leġiżlattiv	L-għan tal-proposta huwa li jiġi ssimplifikat u razzjonalizzat il-qafas legali eżistenti sabiex titjeb l-effiċjenza tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri tul il-katina alimentari, filwaqt li jitnaqqas il-piż għall-operaturi. L-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi ta' kontroll se jikkontribwixxi għall-prevenzjoni mill-kriżi, filwaqt li jillimita l-ispejjeż li jirriżultaw minnha għall-operaturi ekonomiċi li jkunu konformi kif ukoll jiżgura kundizzjonijiet newtrali għal kulħadd.	L-operaturi kollha mħassbin dwar il-kontrolli tul il-katina alimentari.	2013

N ru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva	Aspetti tal-inizjattiva dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju	Il-parti interessata li tibbenefika mis-simplifikazzjoni jew mit-tnaqqis tal-piż regolatorju	Data tal-adozzjoni
4.	Regolament ġdid dwar Materjal Riproduttiv tal-Pjanti	Leġiżlattiv	L-inizjattiva għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u tfitteż li tnaqqas il-piż amministrattiv ġenerali u li tintroduċi l-flessibilità fil-qafas regolatorju maħsub għall-globalizzazzjoni, l-ispeċjalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' użi ġodda ta' prodotti bażiċi agrikoli, flimkien mal-bidliet fl-aspettattivi tas-soċjetà fuq interazzjoni bejn l-agrikoltura u l-ambjent naturali. Hija se timmodernizza u se tissimplifika l-leġiżlazzjoni billi tissostitwixxi 12-il Direttiva dwar iż-żrieragħ u l-materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti b'att uniku.	Il-mikrointrapriżi suġġetti għal regoli li għandhom x'jaqsmu mal-materjal riproduttiv tal-pjanti.	2013
5.	Regolament ġdid dwar saħħet il-pjanti	Leġiżlattiv	L-eżenzjoni għal operaturi żgħar li jbigħu materjal tal-pjanti esklussivament fis-suq lokali se tibqa'.	SMEs li jbigħu materjal tal-pjanti esklussivament fis-suq lokali.	2013
6.	Regolament ġdid dwar saħħet l-animali	Leġiżlattiv	Qafas aktar sempliċi (regolament li jissostitwixxi aktar minn 40 direttiva) u responsabbiltajiet aktar ċari jinftiehem aktar malajr u jiġihom aħjar mill-awtoritajiet u l-operaturi, li se jaħlu inqas ħin u sforz biex jistudjawhom u biex jikkonformaw magħhom. Użu aħjar ta' teknoloġiji elettroniċi ġodda u r-rekwiżiti ssimplifikati huma potenzjal għal iffrankar konsiderevoli, filwaqt li se jinżammu standards għolja ta' sikurezza li huma meħtieġa biex jiġu assigurati l-kontroll tal-mard u l-kummerċ sikur ta' animali u l-prodotti tagħhom.	L-Ewropej li jrabbu l-bhejjem għall-agrikoltura, il-kumpaniji li jinneogzjaw animali haġġin jew prodotti mill-animali, l-awtoritajiet veterinarji kompetenti nazzjonali	2013

N ru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva	Aspetti tal-inizjattiva dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju	Il-parti interessata li tibbenefika mis-simplifikazzjoni jew mit-tnaqqis tal-piż regolatorju	Data tal-adozzjoni
7.	Reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar mediċini veterinarji	Leġislattiv	Is-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju ta' qabel u wara l-awtorizzazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni (inkl. l-farmakoviġilanza): - it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għan-negożji (b'mod partikolari għall-SMEs) identifikati b'mod ċar waqt il-konsultazzjoni pubblika u waqt il-preparazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt, - iż-żieda tal-mediċini għad-dispożizzjoni (inklużi għal speċijiet minuri) fis-suq uniku.	L-industrija veterinarja farmaċewtika, (inklużi l-SMEs), il-bdiewa u dawk li jrabbu n-naħal, il-kirurgi veterinarji, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, is-sidien tal-annimali domestiċi, il-konsumaturi.	2013
8.	Il-leġislazzjoni tal-pakkett dwar l-iġjene (reviżjoni)	Leġislattiv	Minħabba li l-prinċipji u r-rekwiżiti tal-Pakkett dwar l-Iġjene fetħu s-suq tal-Unjoni Ewropea għall-operaturi kollha fis-settur tal-ikel, il-miżuri nazzjonali kollha attwalment iridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fl-istadju tal-abbozz sabiex dawn jiġu infurmati u jingħataw il-possibbiltà li jikkomentaw fuq l-abbozz tal-leġislazzjoni li jibda japplika wara l-adozzjoni (Direttiva Nru 98/34/KE). Fir-reviżjoni tal-pakkett dwar l-iġjene, huwa previst li r-regoli attwali ta' notifika jiġu ssimplifikati. Dan jista' jwassal biex l-Istati Membri jużawhom b'mod aktar frekwenti minħabba l-possibilitajiet ta' flessibbiltà stipulati fil-leġislazzjoni tal-pakkett dwar l-iġjene.	L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-operaturi fis-settur tal-ikel.	2013
<b>Affarijiet interni</b>					
9.	Reviżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (562/2006)	Leġislattiv	Il-kompilazzjoni ta' diversi emendi f'test legali wieħed, inkluża l-emenda li ttrigwarda s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u l-emendi tal-2011.	L-awtoritajiet tal-Istati Membri.	2013

N ru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva	Aspetti tal-inizjattiva dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju	Il-parti interessata li tibbenefika mis-simplifikazzjoni jew mit-tnaqqis tal-piż regolatorju	Data tal-adozzjoni
10.	Reviżjoni tal-politika tal-Unjoni dwar il-viża sabiex titħaffef ħajjet il-vjaġġaturi leġittimi	Leġiżlattiv	Is-simplifikazzjoni għandha tirriżulta minn approċċ aktar sofistikat li jibbilanċja l-kontroll essenzjali fil-fruntieri esterni mal-ħtieġa li tkun imħaffa ħajjet il-vjaġġaturi leġittimi, bħan-nies tan-negozju u t-turisti.	Vjaġġaturi bħan-nies tan-negozju u t-turisti.	2014
<b>L-Intraprenditorija u l-Industrija</b>					
11.	Inizjattiva (Att Delegat tal-Kummissjoni) dwar l-ipproċessar elettroniku ta' dikjarazzjonijiet ta' prestazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (305/2011/UE)	Leġiżlattiv	L-ipproċessar elettroniku ta' dikjarazzjonijiet ta' prestazzjoni kien speċifikament previst fir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (305/2011/EU; CPR), li se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013. Madankollu, instabet soluzzjoni meta l-Kummissjoni ġiet awtorizzata tadotta atti delegati dwar dan is-suġġett. In-nuqqas attwali ta' bażi legali għal dawn l-attivitajiet jikkawna inċertezza legali u għalhekk joħloq ostaklu għall-użu effiċjenti u effettiv tad-dikjarazzjonijiet ta' prestazzjoni tal-ICT.	L-industrija, b'mod partikolari l-manifatturi ta' prodotti għall-bini, appoġġjaw bis-saħħa dispożizzjoni korrispondenti fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għal Regolament ġdid. Għall-industrija, l-ipproċessar elettroniku tad-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni huwa l-mutur ewlieni tal-ekonomiji, kif intwera minn żviluppi fil-fatturazzjoni elettronika. L-inizjattiva se ttiprovdi ċertezza legali. Id-distributuri u l-utenti se jgawdu mill-forniment rapidu tal-informazzjoni elettronika dwar il-prodotti għall-bini.	2013



N ru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva	Aspetti tal-inizjattiva dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju	Il-parti interessata li tibbenefika mis-simplifikazzjoni jew mit-tnaqqis tal-piż regolatorju	Data tal-adozzjoni
12.	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 340/2008 dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), Suġġett għar-reviżjoni tal-2012 tar-REACH	Leġiżlattiv	L-abbozz li jemenda r-Regolament isegwi r-rakkomandazzjonijiet tar-reviżjoni tar-REACH, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni biex jiġi ipprovdut appoġġ addizzjonali lill-SMEs filwaqt li jiġi kkunsidrat it-tqassim tal-ħlasijiet b'mod aktar ibbilanċjat bejn id-diversi klassijiet ta' daqs tal-kumpaniji. Huwa jibbilanċja l-ħlasijiet u l-ispejjeż b'tali mod li jitqiesu l-kostijiet tal-Aġenzija, iżda jipprovidi aktar tnaqqis għall-SMEs li mhumiex kapaċi jassorbu bħall-kumpaniji l-kbar il-kostijiet biex ikunu konformi mar-REACH.	Is-saldu mill-ġdid tal-ħlasijiet jimplika aktar tnaqqis għall-SMEs: -35%, -65% u -95% f'dak li għandu x'jaqsam ma' tariffi standard għar-reġistrazzjoni u -30%, -60% u -90% f'dak li għandu x'jaqsam ma' tariffi standard għall-attivitajiet ta' awtorizzazzjoni meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali: -30%, -60% u -90% għar-reġistrazzjoni u -20%, -50% u -85% għall-awtorizzazzjoni. Sabiex jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi għall-Aġenzija biex topera, dan it-tnaqqis fit-tariffi u l-ispejjeż għall-SMEs jeħtieġ li jiġi kkompensat b'żieda fil-ħlasijiet standard u fl-imposti mitluba lil kumpaniji kbar.	2013
13.	Ir-reviżjoni tar-regolamenti kollha eżistenti tal-Kummissjoni li jimplementaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 (l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agricoli)	Leġiżlattiv	Il-proposta tallinja l-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni eżistenti li huma bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 mat-Trattat ta' Lisbona.	L-eżerċizzju se jkun ta' beneficiċċju għall-partijiet interessati kollha bħal pereżempju l-importaturi u l-esportaturi tal-prodotti agricoli pproċessati kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri (id-dwana, l-aġenziji tal-ħlas, il-ministeri tal-affarijiet ekonomiċi u tal-agrikoltura). L-allinjament se jirriżulta f'regoli aktar ċari għall-importaturi u għall-esportaturi, u għalhekk se jonqsulhom l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet.	2013
14.	Ir-riforma tas-suq intern għall-prodotti industrijali	Leġiżlattiv	L-għanijiet tal-proposta huma, fost l-oħrajn, li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, l-ostakli u r-rekwiżiti skaduti tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar il-prodotti industrijali, sabiex il-qafas regolatorju jkun msaħħaħ u ssimplifikat aktar.	In-negozji fis-setturi industrijali u s-setturi tas-servizzi li huma marbutin flimkien mill-qrib.	2013

N ru	Titolu	It-tip ta' inizjattiva	Aspetti tal-inizjattiva dwar is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regolatorju	Il-parti interessata li tibbenefika mis-simplifikazzjoni jew mit-tnaqqis tal-piż regolatorju	Data tal-adozzjoni
<b>Is-Suq Intern u s-Servizzi</b>					
15.	L-inizjattiva dwar il-fatturazzjoni elettronika fil-qasam tal-akkwist pubbliku	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Jitnaqqsu ż-żmien u l-kostijiet assoċjati mal-fatturazzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku għan-negozji.	In-negozji interessati f'li jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku.	2013
<b>L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd</b>					
16.	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-ħarsien tal-organiżmi tal-baħar	Leġiżlattiv	Din l-inizjattiva se tindirizza l-problema prinċipali rilevanti billi tnaqqas il-komplessità tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-miżuri tekniċi. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tissimplifika r-regolamenti attwali dwar il-miżuri tekniċi permezz tal-iżvilupp ta' Regolament qafas b'regoli speċifiċi żviluppati reġjonalment.	Is-settur tal-qabdiet u l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Huwa antiċipat li din is-simplifikazzjoni se tnaqqas l-ispejjeż għall-amministrazzjonijiet nazzjonali dwar il-kontroll u l-infurzar.	2014
<b>It-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali</b>					
17.	Kummerċ aktar faċli permezz ta' dikjarazzjoni standard tal-VAT	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Il-Kummissjoni se tipproponi li dikjarazzjoni standard tal-VAT għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha u mhux obbligatorja għan-negozji fl-UE. Bl-għajjnuna tal-Istati Membri, il-Kummissjoni se twaqqaf portal tal-web tal-UE dwar il-VAT.	In-negozji involuti fil-kummerċ transkonfinali.	2013
<b>It-Trasport</b>					
18.	“Blue Belt” għal suq uniku għat-trasport marittimu	Leġiżlattiv/Mhux leġiżlattiv	Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tat-trasport marittimu fi ħdan l-UE għal livell li hu komparabbli ma' dak ta' mezzi oħra tat-trasport, billi jiġu evitati kontrolli multipli.	In-negozji involuti fil-kummerċ marittimu.	2013

### Anness III: Lista ta' proposti pendenti li qed jiġu rtirati<sup>3</sup>

N ru	COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ġustifikazzjoni għall-irtirar	Referenza tal- proposta tal- Kummissjoni fil-ĠU
<b>L-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni</b>				
1.	COM(1983)13	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jimplementa skont id-Deċiżjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-KEE u t-Turkija, dwar l-applikazzjoni tal-Iskemi tas-Sigurtà Soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej għall-ħaddiema Torok u membri tal-familji tagħhom.	M'għadhiex valida. Sostitwita mill-proposta COM(2012) 152, proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-KEE u t-Turkija fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali 2012/0076 (NLE).	ĠU C 110 25. 4. 83, p.1.
<b>Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna</b>				
2.	COM(2012)43. 2012/0009/NLE	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda lill-Anness XIII (it-Trasport bit-Triq).	Il-Kummissjoni biddlet il-pożizzjoni tagħha dwar dan is-suġġett.	ĠU C 102, 5.4.2012, p.25.
<b>Tkabbir</b>				
3.	COM(84)306.	Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn il-KEE u l-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-KEE u l-Jugoslavja tal-1 ta' April 1983, dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali.	M'għadhiex valida. Dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ġew inklużi fil-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ffirmati minn ħafna mill-pajjiżi li ħarġu mill-Istat ta' qabel. Proposti rigward il-Kroazja u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ġew adottati mill-Kunsill f'Ottubru tal-2010 (ĠU L 306, 23.11.2010). Proposti rigward l-Albanija u l-Montenegro għadhom qed jiġu diskussi.	-

<sup>3</sup> Dan l-irtirar se jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

N ru	COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ġustifikazzjoni għall-irtirar	Referenza tal- proposta tal- Kummissjoni fil-ĠU
<b>L-Intraprenditorija u l-Industrija</b>				
4.	COM(2010) 280. 2010/0168/NLE	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolament Nru 100 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sikurezza elettrika	M'għadhiex valida. Sostitwita flimkien ma' COM(2010)310 minn proposta ġdida adottata bħala r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 407/2011 tas-27 ta' April 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	ĠU C 121 19.4.11, p.12.
5.	COM(2010) 310. 2010/0169/NLE	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolamenti Nri 1, 3, 4, 6, 7, 8, 10, 11, 12, 13, 13 H, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 28, 31, 34, 37, 38, 39, 43, 44, 46, 48, 55, 58, 61, 66, 67, 73, 77, 79, 80, 87, 89, 90, 91, 93, 94, 95, 97, 98, 99, 102, 105, 107, 110, 112, 116, 118, 121, 122, 123 u 125 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, tal-karrijiet u s-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati intiżi għalhekk.	M'għadhiex valida. Sostitwita flimkien ma' COM(2010)280 minn proposta ġdida adottata bħala Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 407/2011 tas-27 ta' April 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	ĠU C 121 19.4.11, p.14.
<b>Affarijiet interni</b>				
6.	COM(2009) 701. 2009/0186/NLE	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-iproċessar u t-trasferiment ta' dejta mir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (Passenger Name Record - PNR), meħuda mill-Unjoni, minn trasportaturi tal-ajru għas-Servizz Doganali Awstraljan.	M'għadhiex valida. Sostitwita minn COM(2011)281, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-iproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi tal-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, li ġiet adottata fit-13.12.2011.	ĠU C 88 19.03.11, p.7.
7.	COM(2009)702 2009/0187/NLE	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-iproċessar u t-trasferiment ta' dejta mir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi tal-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti (DHS) (Ftehim tal-2007 dwar il-PNR)	M'għadhiex valida. Sostitwita minn COM(2011)807, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar l-użu u t-trasferiment tar-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti. Id-Deċiżjoni ġiet adottata mill-Kunsill fis-26 ta' April 2012 (2011/0382/NLE). Il-ftehim dwar il-PNR bejn l-UE u l-Istati Uniti daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2012.	ĠU C 88 19.03.11, p.7.

N ru	COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ġustifikazzjoni għall-irtirar	Referenza tal- proposta tal- Kummissjoni fil-ĠU
<b>Ġustizzja</b>				
8.	COM(2006)399. 2006/0135/CNS	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda Regolament (KE) Nru 2201/2003 fir-rigward tal-ġurisdizzjoni u l-introduzzjoni ta' regoli dwar il-liġi applikabbli fi kwistjonijiet matrimonjali.	M'għadhiex valida. Mibdula bi proposta ġdida COM(2010)105 adottata bħala r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 li jdaħħal fis-seħħ kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali f'14-il Stat Membru.	-
9.	COM(2010)708. 2010/0347/APP	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (2008/203/KE) tat-28 ta' Frar 2008 li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward tal-adozzjoni ta' Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012.	M'għadhiex valida. Maħsuba biex temenda d-Deċiżjoni attwali dwar il-MAF li tiskadi fl-aħħar tal-2012. Ma leħqitx l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill u ġiet sostitwita b'COM (2011)880, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Qafas Pluriennali għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2013-2017, li għandha tiġi adottata sal-aħħar tal-2012.	ĠU C 121, 19.04.11, p. 35.
10.	COM(2002)520.	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill biex il-Komunità Ewropea tiffirma l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar ir-relazzjonijiet personali li jikkonċernaw it-tfal	Id-diskussjonijiet fil-Kunsill urew li r-rekwiżit tal-unanimità ma jistax jintleħaq.	ĠU C 20-E, 28.01.2003, p.369.
<b>Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi</b>				
11.	COM(2001)272 kif emendata minn COM(2002)577. 2001/0115/COD	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien fil-liġi kriminali tal-interessi finanzjarji tal-Komunità.	M'għadhiex valida. Sostitwita minn COM(2012)363, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.	ĠU C 240-E, 28.08.2001, p.125 and ĠU C 71-E 25.03.2003, p.1.
<b>It-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali</b>				
12.	COM(2003)234 emendata bi COM(2004)468. 2003/0091/CNS	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE rigward it-taxxa fuq il-valur miżjud għal servizzi mogħtija fis-settur postali.	Id-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar din il-proposta sa mill-2010 ma mxewx 'il quddiem. Minħabba l-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tirrevedi din il-kwistjoni fl-ambitu ta' konsiderazzjoni futura dwar l-eżenzjonijiet kollha fl-interess tal-pubbliku (is-segwitu għall-Komunikazzjoni dwar il-VAT, COM(2012) 851).	ĠU C 76 25.03 2004, p.16.

N ru	COM/SEC/ Referenza interistituzzjonali	Titolu	Ġustifikazzjoni għall-irtirar	Referenza tal- proposta tal- Kummissjoni fil-ĠU
<b>Il-kummerè</b>				
13.	COM(2005)661. 2005/0254/COD	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar indikazzjoni tal-pajjiż tal-oriġini għal ċerti prodotti importati minn pajjiżi terzi.	Minbarra n-nuqqas ta' qbil fi ħdan il-Kunsill, żviluppi riċenti fl-interpretazzjoni legali tar-regoli tad-WTO dapparti l-korp tal-appell tal-Organizzazzjoni, wasslu sabiex din il-proposta issir bla siwi.	ĠU C 49, 28.2.2006, p.53.
<b>Kodifikazzjonijiet</b>				
14.	COM(2009)546. 2009/0154 (COD)	Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interferenza radju (kompatibbiltà elettromanjetika) tal-vetturi bil-mutur (verżjoni kkodifikata).	Se jitħassar l-att li għalih kienet proposta kodifikazzjoni b'effett mill-1 ta' Novembru 2014.	ĠU C 88 19 03 2011, p.2.